MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2014

Numru. 497/2010

**Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 334 u 533 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**RAYMOND XERRI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **RAYMOND XERRI** ta' 43 sena, bin Charles u Carmen nee' Mifsud imwieled Qormi fit-12 ta' Awwissu, 1967 u residenti 'Terose Farm House', Tal-Handaq, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' numru 0327467(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

**1.** Fil-24 ta' Jannar 2010 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, laqa' ghandu jew/u akkwistati b'reat, u cioe' kaxxa tal-hadid sew jekk dan saret f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

**2.** u aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. PC1 a fol. 7 u l-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. PC 2.

Illi nhar il-5 ta’ Novembru, 2010 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** u spjega li fl-24 ta’ Jannar, 2010 ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) mar certu Editon Sciberras gewwa l-Ghassa taz-Zurrieq fejn kien irrapporta li fl-inhawi ta' Haz-Zebbug kien ghadu kif innota vann simili ghal tieghu, liema vann kien insteraq bejn il-lejl tad-disgha u l-ghaxra ta' Frar, tas-sena ta' qabel tal-2009. Huwa qalilhom ukoll li hu gharaf mill-ewwel il-kabina li kellu dak it-trakk li kien ta' DBE-672 tal-ghamla Isuzu. Immedjatament il-Pulizija, u cioe’ is-Surgent 386 Joseph Cauchi nformah bil-kaz fejn hu qallu biex imorru fuq il-post flimkien mal-individwu li mar jaghmel ir-rapport sabiex ikunu jistghu jgharfu l-vann x'imkien.

Kif ezatti regghu marru fuq il-post, hemmhekk sabu dan il-vann li kien irrappurtat min-naha ta' Editon Sciberras. Huwa kkonferma mal-Pulizija li mill-affarijiet li beda jara din il-kabina hija tieghu. Hemmhekk gie mghajjat sid il-vann li kien jghajjat lil certu Raymond Scerri li gharfu hemmhekk prezenti, fejn meta kien gie msejjah fl-ufficcju tieghu beda jghidlu kif kien xtara l-kaxxa ta' dak il-vann Isuzu. Hu qallu li dakinhar kien mar go post, x'imkien faccata ta' Bulebel fejn hu gharaf li kien hemm kaxxa tal-hadid li setghet tiffittja mal-vann li kellu hu u kien bi hsiebu jixtriha minhabba l-fatt li l-vann li kellu, il-

kaxxa tieghu kienet garrbet xi hsarat meta kien laqatha ma' xi sigra. Hemmhekk kien iltaqa' ma' certu persuna li ma jafx x'jisimha imma li jiftakar li kellu vann Dodge ta' lewn blu u hemmhekk kienu ddiljaw flimkien li l-kabina seta' johodha ghall-prezz ta' hames mitt lira Maltin (Lm500).

Meta gie mistoqsi aktar fil-fond rigward il-persuna min setghet kienet u x'kellu dettalji fuq din il-persuna li seta' aktar jindika lill-Pulizija sabiex jinvestigaw iktar fuq il-kaz, Scerri kull ma qalilna kien li dana l-persuna kellu Dodge blu, kien ftiehem mieghu li jmorru d-dar ta' Scerri stess u jhallilu l-kabina hemm u jtih hames mitt lira Maltin (Lm500). Sussegwentement huwa nforma lill-Ispettur Anthony Portelli biex jghinu fl-investigazzjoni minhabba li huwa kellu l-ezamijiet tal-Universita' u minn hemm komplew imexxu l-kaz.

Zied jghid ukoll li pprezenta sett ta' seba' (7) ritratti mmarkati minn PC 3 sa PC 9. Esebixxa ukoll rapport tal-*branch* tal-Pulizija SBS, rapport fejn jindika li ma sabu l-ebda suspett fuq il-vann li seta' kien gie mbaghbas u gie presentat bhala dokument Dok. PC 10. Prezenta ukoll ircevuta ta' tehid tal-vann kif ukoll ta' zewg (2) *speakers* u *stereo cd player* minghajr faccata li kopja taghha nghatat lil Raymond Scerri u d-dokument huwa mmarkat bhala Dok. PC 11. Kopja ta' ricevuta bhala PC 12 li l-vann gie mehud CID Yard u kopja taghha nghatat anki lil Raymond Scerri. Kopja tar-rapport bhala PC 13 li kien sar mis-Sur Editon Sciberras gewwa l-Ghassa, Zurrieq. Lilu s-Sur Editon Sciberras

specifikament kien qallu li meta kien mar Haz-Zebbug u hawnhekk seta' jikkoregi lilu nnifsu fuq rigward il-kwistjoni semma' kabina u kaxxa, lilu qallu l-kaxxa tal-hadid li kellu t-trakk fuq in-naha ta' wara mhux il-kabina, il-kaxxa tal-hadid. Dik hija kaxxa speci ta' tinda li qieghda mitfugha fuq in-naha ta' wara tal-vann l-Isuzu msemmi li kien gie misruq mill-garaxx ta' Editon Sciberras.

Ghaldaqstant iddikjara li kull fejn semma' il-kelma kabina ried jghid li kienet il-kelma kaxxa. Il-kaxxa kienet qieghda fuq trakk iehor li kien fil-pussess ta' Editon Sciberras u li dan it-trakk flimkien mal-kaxxa kienu nsterqu ma' oggetti ohra minn gol-garaxx tieghu fi Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq. Huma meta hargu l-ircevuta biex jigu kkonfiskati l-vann flimkien mal-kaxxa tal-hadid ghamlu notament li gol-vann kien hemm dawk l-istereo u anka l-ispeakers li gew imnizzla, li kienu mitfugha gol-kabina.

Illi nhar it-28 ta’ Frar, 2011 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** u esebixxa estratt mill-att tat-twelid tal-imputat Raymond Scerri li gie esebit u mmarkat bhala Dok. PAC 1 u qal illi skond dan l-estratt tat-twelid tal-imputat kunjomu huwa miktub bhala Xerri.

Illi nhar il-15 ta’ Gunju, 2011 xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** fejn esebixxa kopja ta’ Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta mill-Magistrat Dr. Giovanni Grixti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri** datata l-ewwel (1) ta’ Frar, elfejn u ghaxra (2010)

li giet esebita u mmarkata bhala Dok. SMG 1. Esebixxa bhala Dok. SMG 2 kopja ta’ Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat illum Imhallef Dr. Michael Mallia fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Raymond Scerri** datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Novembru, elfejn u sebgha (2007) li giet esebita u mmarkata bhala Dok. SMG 2. Esebixxa bhala Dok. SMG 3 kopja ta’ Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat Dr. Carol Peralta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri** datata hdax (11) ta’ Dicembru, tal-elf, disa’ mija u sitta u disghin (1996) li giet esebita u mmarkata bhala Dok. SMG 3. Bhala Dok. SMG 4 esebixxa kopja ta’ Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli f’Seduta tat-Traffiku fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri** kawza numru erbatax (14) datata tnejn (2) ta’ April, elfejn u disgha (2009) u din giet esebita u mmarkata bhala Dok. SMG 4.

Esebixxa bhala Dok. SMG 5 kopja ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Seduta Kollizzjonijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri** mill-Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit datata sittax (16) ta' Marzu, elfejn u ghaxra (2010) bhala Dok. SMG 5. Esebixxa bhala Dok. SMG 6 kopja ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, moghtija mill-Magistrat Dr. Anthony G. Vella fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri** u hija datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju, elfejn u hamsa (2005). Esebixxa bhala Dok. SMG 7 kopja ta' Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta moghtija mill-Magistrat Dr. Carlo Peralta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Scerri**

datata tmienja (8) ta' Novembru, elf, disa' mija, disgha u disghin (1999) u giet esebita u mmarkata bhala Dok. SMG 7.

Illi fil-5 ta' Ottubru, 2012 xehed in kontro ezami l-**Ispettur Carlos Cordina** u mistoqsi mill-avukat difensur tal-imputat jekk fil-kors tal-investigazzjoni s-Sur Scerri kien tahom indikazzjoni dwar il-persuna minghand min xtara t-tinda wiegeb li fic-cirkustanzi partikolari hemm l-istqarrija relattiva u stqarr li lilu qatt ma semmielu min kienet il-persuna. Huwa spjegalu li kull ma qallu huwa li xtara l-kaxxa tal- vann ghall-habta ta' Novembru, tas-sena 2009 minghand wiehed fejn Bulebel ghall-ammont ta' hames mitt Ewro (€500) *cash* u illi maz-zmien kien zebghaha bajda. Spjega dak li ghandu miktub "*kienu ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (6.15am) ghall-bidu ta' Novembru, 2009 u rajt kaxxa tal-hadid wara l-bieb tal-Pikles li huwa venditur tal-hadid. Kien hemm wiehed li staqsejtu ghall-kaxxa li kienet x'aktarx fuq truck Dodge blu, jigifieri lanqas ghall-vettura ma kien korrett jew kien cert mija fil-mija. U ghall-ewwel ma riedx ibieghha ghax fiha hafna affarijiet imbaghad ergajt tlabtielu u offrejtlu hames mitt Ewro (€500) u mbaghad bieghili. Jiena ftiehemt mieghu dakinhar stess sabiex niltaqghu fejn l-iskola ta' Hal-Qormi ta' San Bastjan. Gie warajja u hadtha u hallastu*". Dawn huma speci ta' prime note peress li huwa dak iz zmien kien qed jistudja.

Jghid li in segwitu huwa kien gie mgharraf fuq il-vettura Fox Trot FAG-386 ta' Toyota Hilux. Dan kien jappartjeni lil certu Gaspare Attard

detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0703554M. L-Ispettur staqsa lil Gaspare Attard jekk qattx kellu xi Dodge li japparjeni lilu u hu qallu li le. Staqsih ukoll jekk ma kienx jaf lil certu Raymond Xerri u wiegbu li le ma jafux. L-Ispettur spjega li hu gurnata qabel kien mar anke fl-Iscrap Yard li tinsab limiti taz-Zejtun. Huwa prova jsib dan id-Dodge blu izda ma sabux hemmhekk. Huwa kkonferma li l-Iscrap Yard hija ta' Gaspare. Huwa mar fil-post u sab munzelli enormi ta' bicciet tal-hadid. Ra hafna karozzi li kienu bis-sadid ukoll u ghalhekk qal li zgur li ma jintuzawx. Mistoqsi jekk kienx mgharraf meta wasal dak in-numru ghand l-Ispettur Portelli wiegeb li fl-ebda mument ma kien mgharraf bih izda mbaghad l-avukat kien infurmah fuq dan ir-rigward.

**L-Ispettur Carlos Cordina** xehed fit-12 ta' Gunju, 2014 fejn ikkonferma li meta kien hemm din l-allegazzjoni l-kaxxa tal-vann li kien hemm fuq il-vann tal-imputat kienet ga nstallata. Mistoqsi jekk effettivament dan il-vann jinsabx ghandhom bil-kaxxa b'kollox wiegeb li iva u l-allegazzjoni hija dwar il-kaxxa biss tal-vann pero' fil-fatt huwa mwahhal mal-vann.

Mistoqsi ghaliex il-vann qatt ma gie rilaxxjat wiegeb li qatt ma kien hemm talba mid-difiza biex jigi rilaxxat. Ix-xhud m'ghandu l-ebda nteress li l-vann jibqa' ghandhom illum il-gurnata. L-investigazzjoni kienet limitata biss dwar il-kaxxa fuq il-vann u fil-fatt gieli jsiru lokalment dawn it-tip ta' kaxxi kif kienet din.

L-Ispettur spjega li hemm *chassis* jew marka partikolari li ma jkollhiex pero' ikun hemm dawk li huma partikolari ghall-persuna u l-vittma f'dan il-kaz kien gharafhom. Fil-fatt din il-kaxxa l-vittma kien ordnaha minghand haddiehor. Dwar dettalji partikolari ghall-manifattur li ghamilha ma hemmx pero' f'dan il-kaz il-persuna li ghamlitha kien gie anke fuq il-post u kien gharafha bhala li kienet xoghol tieghu u qal li kienet tappartjeni lil Editon Sciberras. L-Ispettur ikkonferma wkoll illi Editon Sciberras kien stqarr illi kien xtraha minghand persuna li tbiegh l-iscrap pero' huma ghamlu diversi *patrols* kif gie ndikat lilhom pero' l-vettura li ghamel referenza ghaliha l-imputat qatt ma nstabet fir-*records* taghhom.

Huwa tenna li Xerri fil-fatt kien indikalhom biss l-ghamla tat-trakk mhux il-persuna li kien qed isuqha jew dettalji ohrajn. L-Ispettur kien involut fis-serqa illi kienet saret lil Editon Sciberras u wara kien indika li ra vann bit-tinda tieghu. Staqsieh kif seta' jikkonferma li din kienet it-tinda tieghu u kkonferma li kien hemm xi affarijiet li huwa biss jaf bihom u effettivament meta x-xhud ivverifika dawn l-affarijiet li kien qallu ra li kienu minnu. Kull dettall li kien tah Editon Sciberras kien qed jikkombacja ma' dak li l-Ispettur sab fuq il-post.

Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010 xehed l-**Ispettur Anthony Portelli** u pprezenta stqarrija tal-imputat Raymond Scerri liema mputat gharfu prezenti fl-Awla. Dik l-istqarrija hija datata 25 ta' Jannar, 2010. Ikkonferma li l-imputat inghata t-twissija skond il-ligi u rrilaxxa dik l-

istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' PS 8 Stephen Bezzina kif ukoll dik tal-imputat Raymond Scerri li ghazel li jiffirma dik l-istqarrija u dawk il-firem gharafhom kull fejn jidhru f'dik l-istqarrija, liema stqarrija esebiha bhala Dok. AP 1. Xtaq jghid li hu kien gie nfurmat mill-Ispettur Carlos Cordina rigwardanti dak il-kaz u huwa kien talbu biex jassistih minhabba li huwa kellu jattendi ghal xi ezamijiet. Fil-fatt kien ftiehem mal-imputat biex l-imputat imur l-ufficcju tieghu fejn hu beda jinterrogah u qabel tah it-twissija skond il-ligi. Dan sabiex jistabilixxu kif il-kaxxa spiccat ghandu.

Dan kien qal illi xi xahrejn qabel u cioe' ghall-habta ta' Novembru, kien qieghed xoghol Bulebel, huwa kien ra xi vann Dodge li kellu l-kaxxa fuqu. Huwa zied jghidlu li huwa kellu vann li xtaq jarmah b'kaxxa, u avvicina lix-xufier ta' dak it-trakk, talbu jbieghilu, offra hames mitt Ewro (€500) u dak kien qallu li tal-Hompesch Steel mhux se jtih flus daqs kemm kien qed joffrilu hu u dak qallu ghaliex dik il-persuna qaltlu li kien sejjer b’dik il-kaxxa ghand il-Hompesch Steel biex ibieghilhom ghall-hadid. L-imputat zied jghid illi huwa ftihem biex jiltaqa' ma' dik il-persuna l-ghada u li l-ghada dik il-persuna hadet dik il-kaxxa fejn joqghod l-imputat u hadhielu hemmhekk. Qal li hallsu u qal li dik il-persuna la tah ircevuta, lanqas jaf x'jismu u lanqas jaf xejn dwaru. Lanqas qal li ha n-numru tat-trakk li kienet giet bih dik il-persuna u li ma kellux xejn x'juri li sar dak l-allegat bejgh. Huwa nnega li b'xi mod kien involut fis-serqa li kienet saret gewwa garaxx, numru 28, Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq. Esebixxa formalment bhala Dok. AP

2 vann Isuzu, numru tar-registrazzjoni DBE-672. Prezentement dan il-vann jinsab f'Ta' Kandja.

Illi fil-15 ta' Jannar, 2013 xehed **Anthony Portelli** in kontro ezami fejn spjega lill-Qorti illi l-kaz ma nvestigahx wahdu izda nvestigah konguntament mal-Ispettur Cordina. Fil-fatt hu lanqas *file* ma kien origina u lanqas fetah CID *file*. Dan spjega li kien hemm serqa effettivament iz-Zurrieq u s-Sur Cordina kienet dahlitlu l-informazzjoni fuq kaxxa partikulari ta' vann li nsterqet minn go dan il-fond, u assistih biex jinterroga lis-Sur Xerri.

Ikkonferma pero’ li wara li l-imputat tressaq il-Qorti Dr. Peter Paul Zammit kien cempillu u qallu: “Isma' jiena ghadni kif rajt vann hdejn il-Hompesch Steel simili ghal dak li beda jiddiskrivilna l-imputat Ray Xerri, kien Dodge blu bil-*highup*, jigifieri jkollok *extension*, ikun qisu *crane* zghir li jkun jista' trakk zghir jerfgha l-materjal minn fuq it-trakk u viciversa”. Huwa kien baghat in-nies tieghu biex jaraw fl-akwata li semmielu Dr. Peter Paul Zammit ghal dan il-vann Dodge, in-numru tieghu ma jiftakarx imma jaf li kien registrat f'isem certu Gaspare Attard mis-Siggiewi.

Sussegwentement imbaghad jghid li mar hu personali fejn Hompesch Steel fejn pero’ ma rax dak il-vann ipparkjat hemm u baghat ghas-Sur Gaspare Attard.  Stqarr li dan Attard kien qallu li kien ilu zmien li kien skrappjat u hu fil-fatt kien ilu zmien ma jaghmel uzu minnu. Biss dan

il-vann kien indikat lilu mhux bhala l-vann li ntuza, kien indikat lilu bhala vann li jixbah il-vann tieghu. Spjega li mudelli ta' vannijiet ikun hawn diversi mhux sempliciment wiehed u ma setghax jghid fis-sigur li dan il-vann kien il-vann li ntuza effettivament meta sar ix-xiri tal-kaxxa mis-Sur Xerri. Imbaghad kien informa kollox lis-Sur Cordina ghax hu kellu l-*file* ufficcjali u l-affari kompliet minn hemm. Id-difiza staqsietu jekk in-numru li ghaddielu jafx jekk ghadux jghajjat lill-istess Gaspare Pace huwa wiegeb li dak iz-zmien dak in-numru kien skrapjat, kien immarkat bhala *written off*, kien jghajjat lilu, ghalhekk wasal ghalih is-Sur Gaspare Attard. Mistoqsi mid-difiza jekk rax dan il-van li jghajjat lil Gaspare Attard jghid li ma rahx ghaliex kien gja skrappjat. Hu ghadu qatt ma rah, la n-numru u lanqas il-vann. Id-difiza staqsiet jekk sarux *inspections* ulterjuri fil-Hompesch Steel u qal li mar hu personali.

Gie mistoqsi jekk sabx indikazzjoni ta' dan it-trakk u tan-numru li ghaddielu hu ghand il-Hompesch Steel huwa spjega li ma qghadx jiccekja minn fuq ir-*records* tieghu dahalx vann b'dik is-sistema, biss jidhirlu ma’ *record* fis-sens ta’ filmati ma kienx hemm. Id-Difiza spjegat lill-Ispettur li skond il-ligi tal-iscrap, kull persuna li tbiegh l-iscrap ghandha tirregistrah. Huwa spjega li iva imma tinsiex ukoll illi l-vann qatt ma dahal ghand il-Hompesch Steel bit-trakk kif qed isemmi s-Sur Xerri, ghaliex dan *apparently* iltaqa' mieghu f'xi triq u skambju tat-trakk tal-kaxxa sar fit-triq u qallu: “*Ejja mieghi ejja ha thottuli issa*”. B’hekk fil-fehma tieghu kien ikun inutli jmur jara dan in-numru ta' vann li verament ha jirrizulta bin-numru li qed jghid hu, ghax mhux

ha jkollu kaxxa mghobbija fuqu. Il-vann l-iskambju tieghu qatt ma dahal ghand il-Hompesch Steel, inbiegh barra.

In ri-ezami gie mistoqsi jekk jiftakarx originarjament x'kienet l-allegazzjoni minn naha tal-imputat ta' x'kien il-marka tal-vann. Huwa spjega li jidhirlu, ghax issa ghadda z-zmien u hu notamenti m'ghandux ghax peress li l-*file* qieghed ghand is-Sur Cordina lanqas biss rah, jigifieri hu jiftakar mill-memorja mix-xhieda li xehed diga', deherlu Dodge blu. Huwa halla anke *handover* man-nies tieghu u tahom *instructions* ikunu *patrol* barra jekk jaraw vettura simili x'imkien jiehdu nota taghha halli jaraw x'inhu dan, ghall-inqas mqar jibghatu ghall-persuna u jiffotografawh naqra. Huwa gie mistoqsi jekk in-numru tal-vettura tal-persuna li giet indikata lilu minn naha tal-avukat taqbilx ma' dik id-deskrizzjoni cioe' Gaspare li semma' huwa l-persuna bhala sid li kellu xi vann Dodge ghandu.

Mistoqsi jekk mir-ricerka tieghu rrizultalux li l-imputat kellu vannijet ohra huwa spjega li kellu Dodge u kellu iktar vetturi imma mhux vann ta' dik l-ghamla b'dak il-kulur. Mistoqsi ukoll jekk dana giex *stuck off* minn naha tal-ADT huwa qal li iva. Mistoqsi jekk hux snin qabel saru r-reati huwa wiegeb li forsi ma jghidx snin hafna, ma jiftakarx, imma kien qabel li kien sehh l-allegat reat, is-serqa originarjament li sehhet iz-Zurrieq jidhirlu, kien hemm garaxx kienu nsterqulu xi ghodod, *tyres* u affarijiet u parti mir-rifurtiva kien hemm kaxxa ta' trakk li kienet giet mehuda b'kollox.

Illi nhar il-5 ta' Novembru, 2010 xehed **Editon Sciberras** u spjega illi fl-10 ta' Frar, tas-sena 2009 hu kien vittma ta' serqa. Hu nsteraqlu trakk li kien jahdem bih. Kienu nsterqulu wkoll fl-istess serqa *power tools*, *outboard* ta' *eight horse power* (8HP). Dawna kienu nsterqu minn gol-garaxx tieghu sitwat gewwa Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq. Spjega li t-total tal-ammont in kwantu ghall-valur ta' dawk l-oggetti li nsterqulu huwa ta' bejn wiehed u iehor ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (€25,000). Spjega li l-vann li nsteraqlu kellu n-numru ta' registrazzjoni FBQ-402 u kien tal-marka Isuzu ELM ta' kulur abjad. Xtaq jghid li dan il-vann kien armat bit-tinda u bil-purtieri u gol-kaxxa kellu raff fuq quddiem. Din il-kaxxa kienet kaxxa tal-pjanci u kienet bil-purtieri tal-kanvas ta' kulur griz. Spjega li din il-kaxxa hu kien hadimha ghand wiehed u kienet gietu tiswa' madwar elfejn Ewro (€2,000) biex ghamluhielu u spjega dan kien ghamlu ghand wiehed imlaqqam il-Mazina, f'Haz-Zebbug.

Huwa spjega li dan il-garaxx ta' din il-persuna fejn jahdem jinsab gol-Girgenti. Qal dik il-kaxxa kien ghamilha xi hames (5) jew sitt (6) snin ilu. Xtaq jghid li f'Jannar li ghadda, kienet il-gurnata tal-Hadd, kien tielgha Ta' Qali u hekk kif wasal fejn il-bieb ta' Haz-Zebbug innota trakk b'kaxxa fuqu u hu din gharafha bhala tieghu. Xtaq jghid hu gharafha bhala tieghu ghaliex il-purtieri kienu l-istess, ir-raff kien l-istess u l-kaxxa kienet kompletament tieghu u qal illi hu gol-pilastru tal-hadid ta' din il-kaxxa kien taqqab xi toqob biex jaghmel *rivets* u kien ha zball fihom u qal illi fil-fatt din il-kaxxa li ra hu ukoll gharaf dan

il-fatt li kien hemm dawn l-izbalji li kien ghamel hu f'dawk it-toqob. Kif ukoll ir-raff kien fih gangetta liema gangetta kien ghamilha hu.

Gie muri dokument Dok. PC 4 u spjega li dan huwa r-raf tal-kaxxa u kkonferma ukoll li qieghed jara din il-gangetta li hemm ma' dan ir-raf li kien ghamel hu. Gie muri dokument Dok. PC 5 u qal dan huwa l-istess raff li qieghed jaghmel referenza ghalih u li jappartjeni lilu u kien jifforma parti mill-kaxxa tieghu. Gie muri dokument Dok. PC 6, u in kwantu ghal dak it-trakk, qal li dak huwa l-vann li hu ra Haz-Zebbug u fejn ra l-kaxxa ta' dan il-vann li spjega illi din il-kaxxa ta' dan il-vann tappartjeni lilu u kienet giet misruqa fl-okkazjoni li semma'. Gie muri dokument Dok. PC 7 u qal li dan ir-ritratt juri l-vann li semma' bil-kaxxa li jghid li tappartjeni lilu. Gie muri dokument Dok. PC 8 u kkonferma li dana l-parti ta’ wara tal-istess vann u gharaf il-kaxxa li tappartjeni lilu. Gie muri dokument PC 9 u qal illi Dok. PC 9 juri l-genb u l-wara ta' dan il-vann u rega' ikkonferma li dan huwa l-vann li qal illi hu ra Haz-Zebbug u ukoll bit-tinda li tappartjeni lilu. Qal illi f'din il-kaxxa kien hemm habel blu tal-purtieri, huwa wkoll gharfu li baqa' l-istess habel li kellu hu. Spjega li fil-fatt huwa ghad fadallu minn dan il-habel id-dar. Il-kulur tal-kanvas qal ukoll li baqa' l-istess. Spjega li r-*railing* ta' taht ta' din il-kaxxa t-tlieta (3) kienu godda u kien ghamilhom hu, l-ohra kienet antika u qal li t-tlieta (3) godda kienu ghadhom bl-istickers. Qal dawn hu osservahom fil-kaxxa tal-vann li kien ra Haz-Zebbug.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2011 gie esebit il-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima dwar Inkjesta dwar serq

aggravat bi sgass u bil-valur minn gewwa l-garaxx numru 26, Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq nhar l-ghaxra (10) ta' Frar, elfejn u disgha (2009) liema Proces Verbal gie markat bhala Dok. RB 1.

Illi nhar il-21 ta’ Jannar, 2011 xehed **Dr. Anthony Cutajar LL.D.** fejn ghamel referenza ghad-dokument Dok. AC li jinsab fol. sittax (16) et sequitur tal-Proces Verbal esebit fl-atti ta’ din il-kawza llum bhala Dok. RB 1 u spjega illi jikkonferma li dak huwa r-rapport tieghu li huwa kien prezenta lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima liema rapport jinsab minn fol. sittax (16) sa fol. wiehed u tletin (31) tal-Proces Verbal u hu kien gie nominat mill-istess Magistrat Dr. Edwina Grima f’din l-inkjesta u zied jghid ukoll li filwaqt li jikkonferma li dan huwa r-rapport tieghu, qal ukoll li hu m’ghandu x’izid xejn aktar mal-kontenut tal-istess rapport tieghu.

Minn ezami ta’ din ir-relazzjoni jirrizulta s-segwenti:

*“Illi s-serq bi sgass mill-fond ossia garaxx li jgib in-numru 26, Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq, twettqu xi hin bejn s-sebgha w nofs ta’ filghaxija ta’ nhar it-Tnejn, disgha ta’ Frar, 2009 w is-sitta ta’ filghodu tal-ghada, t-Tlieta, ghaxra ta’ Frar, 2009.*

*Jidher li min wettaq dan ir-reat, irnexxielu jakkwista access ghal gol-fond derubat, billi bl-uzu ta’ xi ghodda, qala’ minn posthom ic-cilindri*

*taz-zewg serraturi li dan il-bieb tal-garaxx ghandu, bil-konsegwenza li nkixfet dik il-parti tas-serratura li facilment tiddawwar b'semplicement tornavit sabiex jitnehha s-sokor li kienu qed jipprovdu l-istess serraturi.*

*Hekk kif tnehha s-sokor ta' dan il-bieb, min wettaq dan ir-reat, sab ruhu fil-fond derubat minn fejn ghad-dannu ta' Editon Sciberras seraq vann tal-marka Isuzu ELF bin-numru ta' registrazzjoni FBQ 402 li jiswa' circa erbatax-il elf ewro, liema vann kien ukoll mghobbi bil-frott ghall-valur ta' circa erba' mitt ewro, mutur tad-dghajsa Yamaha 8 hp, li jiswa' madwar elf u erbgha mitt ewro, welding set li jiswa' madwar mija w ghoxrin ewro, chaser li jiswa mija u sittin ewro, battery charger ta' valur mhux determinat, cross cut ohra li tiswa circa mitt ewro, numru ta' tornaviti u drillers li jiswew b'kollox hames mitt ewro, generator li jiswa mija u sittin ewro u grinder li jiswa circa erbghin ewro.*

*Kif spjegat aktar 'l fuq fil-kors ta' dan l-isgass u serq, ghad-dannu tal-istess Editon Sciberras, gew ukoll kagjonati hsarat konsistenti fi hsarat fis-serraturi tal-bieb tal-garaxx li jinhtiegilhom li jinbidel ic-cilindru taghhom u din il-hsara tammonta ghal circa hamsa w ghoxrin ewro.*

*Illi ghalhekk fl-umli fehma tal-esponenti, jekk ghad jitressaq xi hadd il-Qorti in konnessjoni ma' dawn ir-reati, jezistu l-elementi kollha sabiex huwa jigi akkuzat:*

*Talli mill-fond ossia garaxx li jgib in-numru 26, Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq, xi hin bejn is-sebgha w nofs ta' filghaxija ta' nhar it-Tnejn, disgha ta' Frar, 2009 u s-sitta ta' filghodu tal-ghada, it-Tlieta, ghaxra ta' Frar, 2009 ghad-dannu ta' Editon Sciberras, ikkommetta serq ta' vann tal-marka Isuzu ELF bin-numru ta' registrazzjoni FBQ 402 li jiswa' circa erbatax-il elf ewro, merkanzija konsistenti fi frott ghall-valur ta' circa erba' mitt ewro, mutur tad-dghajsa Yamaha 8 hp, li jiswa' xi elf u erba' mitt ewro u diversi bicciet t'ghodda li komplessivament jiswew circa elf tlett mija u sittin ewro, liema serq huwa kkwalifikat* ***bil-mezz****, Artikolu 263 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***bil-hin*** *ai termini tal-Artikolu 270, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,* ***bil-valur****, Artikolu 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jeccedi l-elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu.*

*Oltre dan l-istess ghandu jigi akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghad-dannu ta' Editon Sciberras, voluntarjament ikkaguna hsarat fis-serraturi tal-bieb tal-fond derubat, ammontanti ghal circa hamsa w ghoxrin ewro u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2011 xehed **Joseph Zammit** fejn gie muri Dok. JZ li jinsab esebit a fol. 33 et sequitur tal-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima liema Proces Verbal gie esebit illum fl-atti ta' din il-kawza u mmarkat bhala Dok. RB 1. Huwa kkonferma li din hija r-relazzjoni tieghu illi huwa kien ipprezenta lill-Magistrat Inkwirenti Dr. Edwina Grima fl-inkjesta u l-Proces Verbal taghha jinsab fl-atti ta' din il-kawza esebit bhala Dok. RB 1. Huwa kkonferma l-kontenut kollu tal-istess relazzjoni tieghu u ddikjara ukoll li m'ghandux x'izid mill-kontenut tal-istess relazzjoni u kkonferma ukoll li din ir-relazzjoni tinsab minn fol. 33 et sequitur tal-imsemmi Process Verbal liema Process Verbal huwa esebit bhala Dok. RB 1.

B'referenza ghall-kaxxa u t-tinda *soft top* armati fuq trakk tal-marka Isuzu ta' mudell ERF bin-numru ta' registrazzjoni BDE 672, l-istima li ta ghar-rigward il-valur tal-kaxxa bit-tinda kien ta' elf u mitejn (1,200) lira Maltin.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2011 xehed **PS 565 Raymond Bonnici** fejn spjega illi fit-tmintax (18) ta' Frar, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hu kien gie mghajjat mill-Ispettur Carlos Cordina sabiex jaghmel spezzjoni fuq vettura li huwa trakk tal-marka Isuzu ta' mudell ERF bin-numru ta' registrazzjoni DBE 672. Il-kompitu tieghu kien li jiccekkja c-*chassis* u l-*engine number* u qal illi rrizultalu li dawn it-tnejn kienu originali. Qal li hu jifforma parti mill-i*stolen vehicles squad* tal-pulizija ta' Malta. Qal meta hu ghamel dina l-ispezzjoni kien hemm zewg (2)

persuni li kienu qeghdin prezenti hdejh, wiehed minnhom gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Gie muri dokument Dok. PC 10 li jinsab a fol. tmintax (18) tal-Process u kkonferma li din hija l-original tar-rapport li hu ghamel dwar l-ispezzjoni li hu xehed dwarha llum u qieghed jaghraf il-firma tieghu wkoll fuq dan id-dokument. Gharaf ukoll il-firma ta' PC 320 li qieghda ukoll fuq l-imsemmi dokument.

Illi nhar il-21 ta' Jannar, 2011 xehed **PC 386 Joseph Cauchi** u esebixxa okkorrenza mehuda minnu li giet immarkata bhala Dok. JCP 1. Spjega illi dina l-okkorrenza tirrigwarda rapport li ddahhal fl-Ghassa taz-Zurrieq fl-ghaxra (10) ta' Frar, tas-sena elfejn u disgha (2009). Din l-okkorrenza tirrigwarda serqa li sehhet minn gewwa garaxx numru 26, Triq Serafin M. Zarb gewwa z-Zurrieq.

Illi nhar it-28 ta' Frar, 2011 xehdu **PS 171 Karl Glanville** u **PS 465 Daniel Abela** fejn gew murija Dok. GA li jifforma parti mill-Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr Edwina Grima fl-atti tal-inkjesta dwar serq aggravat bi sgass u bil-valur minn gewwa garaxx numru 26, Triq Serafin M. Zarb, Zurrieq nhar l-10 ta' Frar, 2009. Ikkonfermaw li dan huwa r-rapport taghhom. Flimkien ma' dan ir-rapport hemm 11-il ritratt tal-kulur.

Illi nhar l-4 ta' April, 2011 xehed **Stephen Cachia** in rappresentanza tat-Transport Malta, hu gie mitlub biex jaghmel verifiki rigwardanti vettura b'numru ta' registrazzjoni DBE 672 u minn verifiki li ghamel

jirrizulta li din hija vettura tal-ghamla Isuzu Elf Volgsvan ta' kulur abjad registrata fuq Raymond Scerri b'karta tal-identita' numru 327467(M) u ilha hekk registrata mit-tmintax (18) ta' Mejju, tas-sena elfejn (2000) u ghadha hekk sal-lum. Gie mitlub ukoll biex jaghmel verifiki rigwardanti vettura b'numru ta' registrazzjoni FBQ 402 li minn verifiki li ghamel jirrizulta li din vettura tal-ghamla Isuzu Elf Truck ta' kulur abjad registrat fuq Editon Sciberras karta tal-identita' numru 53974(M) u ilha hekk registrata f'isem din il-persuna mit-tletin (30) ta' Lulju, tas-sena elfejn u erbgha (2004) u ghadha hemm sal-lum.

Illi nhar l-4 ta' April, 2011 xehdet **Alison Ellul** u spjegat illi bhal qisu dan iz-zmien sentejn, jidhrilha xi Frar, Marzu, taf li kienet lejliet festa, hi kienet qieghda d-dar gewwa z-Zurrieq tara t-television. Ghall-habta ta' xi t-tlieta (3.00) ta' filghodu semghet xi hsejjes u hasbet illi Eddie li huwa *owner* ta' vann qieghed xoghol imma fil-fatt irrizulta li ma kienx ghax filghodu kienu gew il-pulizija u kienu qalulha li kienet sehhet serqa.

Illi nhar l-4 ta' April, 2011 xehed **Albert Schembri** u spjega li madwar inqas minn sentejn ilu, hu kien qieghed iz-Zurrieq sejjer ghand iz-zija tieghu. Hin minnhom innota illi kien hemm garaxx bil-bieb miftuh u dan kien garaxx ta' wiehed li jbiegh il-frott li gieli kien xtara minn ghandu. Huwa dak il-hin allura cempel lil ibnu Chris bil-*mobile*, biex jghidlu illi kien hemm il-bieb ta' dan il-garaxx miftuh. Jaf li ibnu mbaghad cempel lil sid il-garaxx certu Eddie u spjega li dan Eddie gie

fuq il-post. Spjega illi hu kellem lil dan Eddie u hu qallu li ra l-vann tieghu hemm, qallu li kienu serquh. Spjega li hu nduna l-ewwel darba bil-garaxx li l-bieb kien miftuh, li kienu ghall-habta bejn il-hamsa u kwart (5.15) u l-hamsa u nofs (5.30) ta’ filghodu.

Illi nhar il-15 ta’ Gunju, 2011 xehed **PS 826 Matthew Parnis** fejn gie muri sett ta’ seba’ (7) ritratti bil-kulur li qeghdin esebiti rispettivament minn Dok. PC 3 sa Dok. PC 9. Ikkonferma li dawn ir-ritratti gibidhom hu u dawn fuq inkarigu li kien tah l-Ispettur Cordina.

Illi nhar il-15 ta’ Gunju, 2011 xehed **PS 1602 Marco Mifsud** u spjega illi nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Jannar, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) hu kien qieghed xoghol l-Ghassa taz-Zurrieq. Hu kien inghata struzzjonijiet mill-Ispettur Carlos Cordina sabiex hu jmur flimkien ma’ certu Raymond Scerri gewwa Haz-Zebbug detentur tal-karta tal-identita’ numru 327467(M) u gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla, u hu hekk ghamel. L-iskop li kellu jmur hu sabiex il-vettura li dana Raymond Scerri kellu fuq il-post tittiehed minn fuq il-post ghaliex kien hemm suspett illi t-tinda li kien hemm fuq in-naha ta’ wara ta’ dina l-vettura setghet ittiehdet minn fuq vettura ohra. Meta wasal fuq il-post, u dina z-zona kienet fejn ir-*roundabout* li taghti ghal Haz-Zebbug, huwa sab lill-vettura msemmija b’numru ta’ registrazzjoni DBE 672 tal-marka Isuzu Elf u ried jghid il-vettura ttiehdet minn fuq il-post u dana ttiehdet ghal hdejn l-Ghassa taz-Zurrieq biex hemmhekk ikomplu bl-investigazzjoni ulterjuri mill-Ispettur Cordina.

Rat l-artikoli tal-ligi li gew mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju tieghu datata 13 ta' Lulju, 2011 u li nqraw mill-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Lulju, 2011.

Rat illi fit-22 ta' Lulju, 2011 l-imputat wara li gie mistoqsi mill-Qorti jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u wara li nghata zmien xieraq biex jirrispondi, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

**L-imputat Raymond Xerri** xehed fl-24 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jiftakar illi huwa kien ta *statement* lill-Ispettur meta kien gie arrestat in konnessjoni talli rricetta din il-kaxxa u huwa kkonferma l-kontenut ta' dan l-istess *statement*. Huwa kkonferma ukoll li huwa kien qal lill-Ispettur li din il-kaxxa kien xtraha ghall-hames mitt Ewro (€500). Mistoqsi jekk jafx dan l-individwu minghand min xtara l-kaxxa wiegeb li le ma jafux u qatt ma kien rah qabel.

L-imputat jiftakar li darba minnhom huwa kien *driver* bil-*mini bus* u kien ghaddej u meta wasal hdejn il-mina ta' Hompesch kien ra din il-persuna bil-vann taghha. Huwa waqaf u staqsieh jekk kienx lest li joffrielu l-kaxxa. Huwa ghall-ewwel ma riedx ghax kellu hafna affarijiet izda mbaghad offrielu hames mitt ewro (€500) u accetta.

Mistoqsi jekk din il-kaxxa ssirx hawn Malta jew hija ta' barra wiegeb li effettivament hija ta' Malta. Huwa jaf dan ghax l-Ispettur kien baghat ghall-persuna li effettivament taghmel dawn il-kaxxi u kien qalilha li huwa jaghmel hafna minn dawn il-kaxxi.

Sussegwentement kien ftiehem ma' din il-persuna sabiex imur hdejn l-iskola ta' Hal Qormi. Fil-fatt huwa mar, huwa hadha u tah il-hames mitt ewro (€500) u daqshekk rah u sussegwentement din il-kaxxa wahhalha fuq il-vann li kellu hu. Huwa tenna li kien hu stess li wahhalha. Huwa ma missilha xejn u fil-fatt wahhalha kif kienet, u cioe' poggiha kif xtraha minghajr ma' zebaghha xejn. L-imputat jiftakar li effettivament kien qal li ghamilha s-Siggiewi, il-Pulizija kienet baghtet ghal din il-persuna u din il-persuna qaltlu li bhalha stess kien ghamel, fil-fatt min ghamillu l-kaxxa kien diga' ghamillu tlieta (3) bhalha.

L-imputat kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li effettivament din il-kaxxa kien raha mwahhla fuq vann Dodge blu. Effettivament din ma kinitx imwahhla izda kienet impoggiha u mistoqsi jispjega kif effettivament il-Pulizija marret fil-post fejn indikalha hu u qatt ma rat dan il-vann blu Dodge wiegeb li ma jafx. Huwa stqarr illi anke huwa mar pero' qatt ma nzertah hemm. L-imputat iddikjara illi huwa ma xtara xejn minn fuq l-idejn aktar hlief din il-kaxxa. Ghalkemm dan kien oggett ghar-rimi, ghall-imputat kien

jiswa' aktar minn hames mitt ewro (€500). Huwa stqarr illi ghall-hadid ma tiswiex daqshekk pero' biex taghmilha tiswa' iktar. Mistoqsi kemm tiswa' wiegeb li ma jafx. Huwa kkonferma li huwa hallas hames mitt ewro (€500) ghall-oggett li ma jafx minn fejn hu gej u minghand min lanqas ma jaf min kien.

Huwa kkonferma li l-persuna li gabitlu din il-kaxxa kwazi hdejn id-dar ghax huwa jghix hdejn l-iskola ta' Hal Qormi. L-imputat ikkonferma li l-kaxxa ma hadhiex dak il-hin li raha. Illum il-gurnata huwa nesa l-hin li kienu ftiehmu pero' jaf li kien hadha hdejn l-iskola ta' Hal Qormi dakinhar stess. Huwa jaf li kien jum festa u cioe' xi l-ewwel (1) jew it-tieni (2) ta' Novembru pero' huwa dak biss jiftakar.

Huwa jiftakar li effettivament kien saq wara l-imputat, hallsu, u hadha. Effettivament ikkonferma li huwa hallsu wara li rcieva l-kaxxa.

Illi l-imputat rrilaxxja stqarrija nhar il-25 ta' Jannar, 2010 u f'din l-istqarrija mehuda a tempo vergine tal-investigazzjoni. Mistoqsi x'jaf jghid dwar il-kaxxa tal-vann DBE-672 peress li din gharafha sidha wara li din giet misruqa minghandu fost ghodod u oggetti ohra fil-lejl tad-9 u tal-10 ta' Frar, 2009 minn garaxx li ghandu z-Zurrieq wiegeb li huwa xtaq ibiegh il-vann Isuzu DBE-672 izda peress li kien bla kaxxa huwa haseb biex jarmalu kaxxa halli jgib prezz ahjar. Huwa spjega li f'Novembru, 2009 huwa kien qieghed bix-xoghol b'wiehed mill-*mini vans* tieghu u kien qieghed in-naha ta' bejn Bulebel u Haz-Zabbar fil-

post fejn jarmu l-hadid u ra kaxxa ta’ Isuzu bhal tieghu fuq vann Dudge li kien fil-kju biex jidhlu ghand Hompesch Steel. L-imputat tenna li huwa mar ikellem lix-xufier ta’ dan il-vann u talbu biex ibieghlu l-kaxxa. Ghall-ewwel dan ma riedx ghaliex kellu l-vann mimli bl-imbarazz u mbaghad l-imputat qallu li kien ser jaghtih hames mitt ewro (€500) u qallu li ma kienx ser jaghtih daqshekk tal-hadid. Dan ir-ragel imbaghad staqsa lill-imputat fejn ha johodlu l-kaxxa wara li jhott u l-imputat wiegbu biex jiltaqa’ mieghu ghall-habta tad-disgha ta’ filghodu hdejn l-iskola ta’ San Bastjan, Hal Qormi. Fil-fatt hekk gara u minn hemm saq wara l-imputat u hadu d-dar tieghu. Dan hattielu, hallsu hames mitt ewro (€500) u telaq. Mistoqsi min kien dan ir-ragel l-imputat wiegeb li qatt ma kien rah qabel u dakinhar kien wahdu. L-imputat stqarr li ma jafx x’numru ghandu l-vann tieghu izda huwa ta’ kulur blu u ghandu kaxxa bla gnub, naqra mzerzqa minn wara u ghandu *high-up*. Mistoqsi jekk ghandux ircevuta x’juri wiegeb li m’ghandux u ma talbux wahda. L-imputat ma jafx ta’ min kienet jew minn fejn gabha din il-kaxxa. Huwa ddikjara li qed jghid il-verita’ u sostna li lest li jerga’ jmur ghand il-Hompesch Steel biex jiltaqa’ mal-istess vann u jgiblu n-numri tieghu.

**Saviour Bonello** xehed fl-24 ta’ Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa xoghlu hu li jaghmel il-kaxxi tal-hadid fuq il-vannijiet. Huwa gie muri sett ta' ritratti dwar vann DBE-672 u spjega li dawn ir-ritratti gew mehuda hdejn l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq. Dwar dawn ir-ritratti tenna li bhala xoghol jaghmel kwantita' u ghalhekk ma jistax jghid ta' min kienet din il-kaxxa li ghamel, pero' ix-xoghol gharfu bhala tieghu.

Huwa kkonferma li lil Editon Sciberras jafu bhala klijent u jaf li huwa miz-Zurrieq. Huwa jaf ukoll illi huwa kien gie bil-vann u ghamillu l-kaxxa, hallsu u telaq.

Huwa spjega li din il-kaxxa huma jaghmluha *standard*. Mistoqsi jekk effettivament dan Sciberras kien talbu biex jaghmel xi affarijiet partikolari f'din il-kaxxa qal li ma jidhirlux u x-xoghol taghhom ilu jigri fit-toroq sebgha u tletin (37) sena. Huwa tenna illi tinda bhal din kienet tiswa' xi erba' mitt Lira Maltin (Lm400) pero' illum il-gurnata nesa'.

Illi nhar it-22 ta' Lulju, 2014 deher l-imputat assistit u l-Ufficjal Prosekutur li ttrattaw il-kaz u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-**Artikolu 334 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok ta' recidiva liema akkuza ahharija ma tistax tirrizulta jekk l-ewwel akkuza ma tigix provata.

Li qabel mal-Qorti sejra tidhol fl-apprezzament tax-xhieda biex tara jekk ir-reat addebitat lill-imputat giex ppruvat jew le, il-Qorti thoss li ghandha taghmel apprezzament tal-elementi tar-reat in desamina.

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i.Li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta’;

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun ircieviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tezita jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista’ ikun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-Difiza hi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma *xjenza*. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma *xjenza.*

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li:

*" per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta' del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb ***Criminal Law*** (Edit. 1965) jiktbu:

*'knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo sive Charles Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti irriteniet li:-

*"Dwar l-element tal-provenjenza llegali u tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi ndiretti. Bhal ma dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezizti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provjenjenza llegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li*

*minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza llegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi u suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezizti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza ssir referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tancred Borg** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru, 1988 fejn inghad:-

"Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali

24/06/1961 **Il-Pulizija vs George Tabone** deciz fl-24 ta Gunju, 1961, u **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** deciz fit-30 ta Novembru, 1978)."

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma il-principali fuq dan:

a. **Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)**
b. **Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)**
c. **Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)**
d. **Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)**
e. **Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)**
f. **Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)**

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar-ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

3. Dan l-element jista jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li ikun ser jixtri jew jilqa' ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista' ikun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett jkollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u ntant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

6. Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-

ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence;*

7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru ukoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngiebitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghall-iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar-ricettazzjoni.

Issa dwar il-meritu tal-kaz u tenut kont tal-principji legali issa enunzjati aktar 'l fuq, il-Qorti semghet ix-xhieda principali prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe' lil **Editon Sciberras** l-allegat vittma li

kkonferma illi fl-10 ta' Frar, tas-sena 2009 hu kien vittma ta' serqa u li kien insteraqlu l-vann tal-ghamla Isuzu Elm ta' kulur abjad numru ta' registrazzjoni FBQ 402 mill-garaxx tieghu fi Triq Serafin M Zarb, Zurrieq liema vann kellu ukoll tinda mwahhla mieghu u oggtti ohra li l-valur ta' dawk l-oggetti li nsterqulu huwa ta' bejn wiehed u iehor ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000). Spjega li din il-kaxxa li kienet imwahhla mal-van li nsteraqlu kienet kaxxa tal-pjanci u kienet bil-purtieri tal-kanvas ta' kulur griz. Spjega li din il-kaxxa hu kien hadimha ghand wiehed u kienet gietu tiswa' madwar elfejn ewro (€2,000) ghand wiehed imlaqqam il-Mazina, f'Haz-Zebbug. Huwa gie muri diversi ritratti u kkonferma li din hija il-kaxxa li kien ordna u li kienet giet mahduma ghalih. Spjega fid-dettal il-partikolaritajiet li kellha din il-kaxxa liema deskrizzjoni ma thalli l-ebda dubju f'mohh il-Gudikant li effettivaemnt din il-kaxxa kienet tieghu.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll il-Proces Verbal redatt mill-allura Magistrat Dr. Edwina Grima dwar l-allegat serqa li sofra Editon Sciberras liema serqa tkopri ukoll is-serq tal-vann fuq imsemmi li kellu fuqu imwahhal il-kaxxa li nstabet ghand l-imputat f'Novembru, 2009 . Illi ghalhekk dwar l-identifikazzjoni tal-kaxxa l-Prosekuzzjoni pprovat il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk issa jispetta lil din il-Qorti tiddecidi jekk il-fatti specie tal- kaz jammotawx ghar-reat ta' serq, ghar-reat ta' ricettazzjoni jew addirittura ghal xiri semplici.

Illi jirrizulta li l-kaxxa li giet identifikata minn sidha nstabet ghand l-imputat. L-imputat ma hux obbligat li jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u dan ghaliex hija l-Prosekuzjoni li trid tipprova l-ezistenza tar-reati li akkuzat bihom pero' jekk l-imputat joffri li jaghti d-deposizzjoni tieghu u jressaq provi dawn ghandhom ikunu tali li jikkoloboraw l-innocenza tieghu.  L-imputat xtara kaxxa ta' vann minn fuq l-idejn minghand persuna li ma jafx min hi. Mistoqosi jekk kellux ricevuta jghid li ma kellux. Mistoqsi jghid x'inhu il-valur tal-kaxxa simili jghid li ma jafx jghid biss li huwa hallas hames mitt ewro ghaliha (ewro 500). Mistoqsi jiddeskrivi fejn kienet imwahhla din il-kaxxa li allegatament xtara jghid li kienet imwahhla fuq Dodge blu pero' xejn aktar. Illi dawn huma kollha ndizji univoci u cari tal-fatt li l-akkwist in kwistjoni ma kienx wiehed regolari izda jitfa' dubju serju fuq il-provenjenza tal-istess akkwist u ghalhekk a bazi ta' dawn l- indizji u provi cirostanzjali l-Qorti hija tal-fehma li din l-akkuza principali ta' ricettazzjoni tirrizulta provata.

Dwar l-akkuza ta' recidiva jidher ukoll car li l-imputat huwa recidiv u dan kif jidher mill-*particulars* li hemm registrati fuq is-sentenzi esebiti u dawk tal-akkuza odjerna huma l-istess u ghalhekk ghalkem dawn is-sentenzi esebiti ma gewx ikkonfermati mill-ufficjali nvestigattivi li pprosegwwixxu l-kawzi xorta jirrizulta li l-imputat huwa l-istess persuna gja misjuba hatja.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda reflettarja hafna u l-imputat diga' inghata diversi cansijiet sabiex jipprova jemenda d-drawwiet kriminuzi tieghu pero' cioe' nonostante baqa' ghaddej fuq din it-triq ta' kriminalita'. Bizzejjed jinghad li effettivament jirrizulta li fuq il-fedina penali tieghu ghandu registrat fuqha hmistax-il *conviction* fejn inghata diversi opportunitajiet sabiex jirranga l-ghemejjel tieghu u dan ghaliex inghata *conditional discharges*, *probation orders*, *suspended sentence* u multi izda huwa baqa' ghaddej bil-hajja ta' kriminalita' tant li llum jinsab b'akkuza ta' ricettazzjoni u ghalhekk wasal iz-zmien li l-imputat ghandu jiffaccja l-id iebsa tal-Qorti u jinghata piena ta' prigunerija.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **l-Artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 334 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li tikkundana lill-imputat ghal piena karcerarja ta' sena effettiva.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------